# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

## Illum, 3 t'April, 2001.

**Kawza Nru. 22.**
**Citazz. Nru. 1763/00 JRM**

**JOHN G. CASSAR LIMITED**

**vs**

**Renato CARUANA**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici kienet bieghet u kkonsenjat merkanzija lill-konvenut fil-hanut *Bright Star Trading* gewwa Hal-Qormi, li l-konvenut kien jiggestixxi sa ftit zmien ilu;

Illi l-bilanc tal-prezz dovut lis-socjeta' attrici ghal din il-merkanzija jammonta ghal tmint elef, mitejn u erbgha u ghoxrin lira maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm8,224.24);

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex jissalda dan il-bilanc, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi ghalhekk il-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-imsemmija somma ta' tmint elef, mitejn u erbgha u ghoxrin lira maltin u erbgha u ghoxrin centesmu (Lm8,224.24);

Illi dan id-debitu tal-konvenut fil-konfront tas-socjeta' attrici, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta' attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenut m'ghandhux eccezzjonijiet x'jaghti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' LM8,224.24;

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-interess legali u bl-ispejjez, koprizi dawk tal-Mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru epprezentati kontra l-konvenut fis-17 ta' Awissu 2000 quddiem din l-Onorabbli Qorti, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' tmint elef, mitejn u erbgha u ghoxrin lira maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm8,224.24), bl- interessi legali u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru pprezentati kontra l-konvenut fis-17 ta' Awissu 2000, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**3 t'April, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**3 t'April, 2001.**

*3 t'April, 2001.*